# CELEBRAZZJONIJIET TAL-GIMGHA

# MQADDSA GEWWA ……………………

# CALTANISETTA

## HADD IL-PALM

Ta' kull sena fit-toroq dojoq ta' Caltanisetta, jergghu jiehdu l-hajja dawk it-tradizzjonijiet antiki li tul is-sekli kienu jqajmu il-belt u joholqu mumenti ta' tishih fil-fidi ta' poplu kristjan.

Il-Gimgha Mqaddsa huwa zmien ta' attivita' qawwija f'Caltanisetta ghax wiehed iqis ruhu li jmur lura f'dawk iz-zminijiet u jghix il-passjoni u l-mewt ta' Kristu.

## Hadd il-Palm

Tradizzjoni antika, imxerrda mad-dinja nisranija, titlob li folja tal-palm jew fergha taz-zebbug jinzammu fid-djar biex igibu r-risq u il-paci fuq dik il-familja. F'Caltanisetta din it-tradizzjoni svillupat f'hidma artigjanali antika li missier ghadda lil ibnu.

Il-frieghi tal-palmi jingabru meta jkunu ghandhom ma matturawx, xhur qabel il-Gimgha Mqaddsa u jinzammu fid-dlam biex jinxfu. Biss xi jiem qabel Hadd il-Palm jinhadmu bl-idejn kapaci ta' nies tas-sengha b'teknika li taghti l-hajja lil dawn il-frieghi b'diversi forom.

F'Hadd il-Palm il-belt tintela b'bejjiegha ta' dawn l-opri sbieh. Palmi u frieghi taz-zebbug marbuta b'zigarelli u cfuf mdawra f'karti ikkuluriti.
(Haga simili kienet issir mit-tfal Ghawdxin. Skond il-kitba ta' Anton J. Attard Hadd il-Palm kien festa interessanti hafna ghat-tfal Ghawdxin. Huma kienu jaghmlu hafna gheliem tal-passjoni bil-weraq tal-palm: Salib, salib tal-Kavalieri mzejjen b'werqa zebbuga, salib bis-sellum, bit-tnalja u bil-martell, kuruna, musmar, sellum, xabla, xi curkett u hekk. )

## Il-Purcissjoni.

Tard wara nofs in-nhar, f'Hadd il-Palm tinzamm il-festa tan-Nazzarenu. Figura ta' Kristu imlibbsa ilbies tad-drapp, titpogga fuq karru li jigi mzejjen f'hafna fjuri ta' kull lewn u

forma. Fil-jiem ta' qabel Hadd il-Palm il-bdiewa jmorru fl-ghelieqi taghhom u hemm jigbru kull tip ta' fjuri li joffri l-istagun: mimmosa, margeriti, ciklamini etc. Filghodu kmieni fil-jum tal-Hadd il-Palm l-organizzaturi ta' din il-festa idommu wahda wahda il-fjuri f'forma ta' dghajsa u jqieghdu l-istatwa tan-Nazzarenu u biha jaghmlu manifestazzjoni biex tfakkar id-dhul ta' Gesu' f'Gerusalemm.

Il-korteo akkumpanjat miz-zewg baned tal-lokal u mit-tfal ixejru il-palm u l-frieghi taz-zebbug, jifthu t-triq ghal dan il-karru. Maghhom jinghaqdu l-fratelli jzommu f'idejhom xemghat hoxnin jixghelu.

Tard fil-ghaxija l-karru, wara li ghadda mit-toroq tac-centru storiku, jasal sal-knisja ta' Sant'Agata u s-simulark jintrefa' fuq l-ispallejn biex jitpogga fil-knisja. Qabel max-xbiha ta' Kristu Nazzarenu tghib minn quddiem ghajnejn il-fidili il-folla tinfexx f'applaws u jinharaq xi nar.
Hekk jispicca l-ewwel jum tal-Gimgha Mqaddsa.

Haga kurjuza, izda nteressanti li wiehed ikun jafha, huwa l-fatt li din il-festa kienet ix-xewqa tal-bdiewa li ssir, meta dawn raw ruhhom li baqghu barra mill-purcissjoni tal-Gimgha Mqaddsa. Ghalhekk ghamlu sepulkru tal-fjuri u qieghdu lil Kristu mejjet. Bil-fjuri riedu juru hajr lil Gesu' u joffrulu l-ahjar li kellhom. U f'Hadd il-Palm kienu jorganizzaw purcissjoni b'dan il-mod.

Ghall-habta tas-sena 1870 il-baruni Vincenzo Di Figlia di Granara, innota li kien haga barra minn lokha li propju fil-jum li glorjosament Kristu dahal f'Gerusalemm tara lil Kristu mejjet. B'inkoraggiment tal-baruni wiehed skultur ghamel statwa ta' Kristu, dik attwali, dawwruha bil-fjuri u ghamlu l-purcissjoni biha. Dan sehh darba biss. Ghax kien stonatura li dik l-istatwa tkun imdawra b'daqshekk kwantita' ta' fjuri. Fl-ahhar hasbu li jqieghdu lil Kristu fuq dghajsa mahduma u mzejna bil-fjuri u jgorruha f'purcissjoni. Wara kollox ma kien hemm xejn stunat ghax Gesu' kien sajjied ta' l-erwieh.



Il-Bidu tal-Purcissjoni ta' Hadd il-Palm f'Caltanissetta.

Kristu jidher fuq dghajsa ghaddej minn taht arkata,

bhallikieku diehel gewwa Gerusalem



Dettal ta' l-istatwa ta' Kristu Nazzarenu,
mlibbes b'ilbies ta' drapp u mdawwar bil-fjuri,
zebbug, u palm.